# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2021

**Rikors Numru : 289/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**IS**

**U**

**DA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' IS u DA datat 2 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu f'Malta nhar id-disgha u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija disgha u disghin (29.10.1999) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv ta' elfejn, disa' mija u tmintax sbarra elfejn u hmistax (2918/2015);*

2. *ILLI minn dan iz-zwieg taghhom twieldu J f'X, C, f'Y u S f'Z;*

3. *ILLI huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri tal-wiehed u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (21.01.2016), [kopja tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A];*

4. *Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;*

5. *ILLI l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

6. *Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-manteniment kif mifthiem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem thallas puntwalment u ma hemm l-ebda arretrati dovuti;*

7. *Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi sabiex jinghata d-divorzju;*

8. *Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Ttordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minnn din Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**IS xehed** (vide fol 15 et seqq.) illi huwa iżżewweg lil DA nhar id-29 ta' Ottubru 1999 (vide Certifikat taz-Zwieg, fol 19) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett ulied. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar id-29 ta' Jannar 2016 u li minn dik d-data sallum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda prospett raġonevoli tal-istess. Ikkonferma di piu', illi l-manteniment ghal uliedu dejjem thallas u ma hemmx arretrati dovuti.

**DA xehdet** (vide fol 17 et seqq.) u kkonfermat u kkollaborat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Ottubru 1991 (vide certifikat taz-zwieg, fol 20 bin-numru 1978/1999 u mhux 2918/2015 kif dikjarat fir-rikors promotur). Minn dan iż-żwieġ huma kellhom tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, datat 21 ta' Jannar 2016 (vide Dok A, a fol 3 et seqq.) ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1978/1999 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**